**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM 30 ta' Jannar 2020**

**Rikors Nru. 425/2019 GM**

**Michael Spiteri Bailey KI 316179M u Nicolette Spiteri Bailey KI 512878M**

**vs**

**Unique Investments Holding Limited C29115 u b'digriet tal-5 ta' Dicembru 2019 isem is-socjeta' konvenuta gie mibdul ghal Unique Investments Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat li s-soċjeta` konvenuta ma ppreżentax l-eċċezzjonijiet tiegħu entro t-terminu legali u għalhekk hija kontumaci;

Rat ir-rikors tas-soċjeta` konvenuta tal-24 t'Ottubru 2019 li permezz tiegħu ippruvat tiġġustifika l-kontumaċja tagħha, u r-risposta oppożitorja tal-atturi ppreżentata fis-27 ta' Novembru 2019;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel ilment fir-rikors huwa li n-notifika nħarġet f'isem Unique Investments Holding Limited mentri isimha huwa Unique Investments Holdings Limited. Dan l-ilment sejjer jiġi skartat billi n-numru tal-kumpannija huwa sewwa identifikat fl-okkjo u għalhekk ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju dwar l-identita` tal-konvenuta. Il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-okkju;

***Żviluppi dotttrinali, ġurisprudenzjali u leġislattivi tal-istitut tal-kontumaċja***

Illi kif spjegat din il-Qorti diversament ippreseduta fil-kawża ***Renato Aquilina et vs Christopher James Arthur Townshend*** - 16.10.2017:

"Illi jekk tħares lejha mil-lat oġġettiv, kontumaċja tfisser, iktar milli ma tkunx preżenti waqt is-smiegħ fil-kawża, li ma tiddefendix ruħek – *non defendere videtur, non tantum qui latit, sed is qui praesens negat se defendere, aut non vult suscipere actionem* (1. 52, ff. *de div. regul.jur.)*;

Illi lil hinn mill-użu tagħha fil-foro legali, fl-ilsien Taljan, il-kelma *contumacia* kienet oriġinarjament tfisser diżubbidjenza b'riżultat ta' suppervja; li wieħed ma jbaxxix rasu għall-awtorita` tal-Knisja minkejja l-konsegwenza serja li jista' jiġi skumnikat; f'termini iktar ġenerali li wieħed ma jbaxxix rasu quddiem superjur tiegħu: "Contumacia è quando l'uomo hae in dispetto suo maggiore, e negali di fare l'onore o 'l servigio che per ragione li dé fare " (XXV 14). Skont il-**Libro de' vizî e delle virtudi** ta' **Bono Giamboni**, il-kontumaċja "è elencata tra i vizi che derivano dalla vanagloria"[1];

[1] Renato Aquilina et vs Christopher James Arthur Townshend – PA - 16.10.2017

Illi fi żminijiet bikrija, kienu jintużaw mezzi iktar enerċetiċi u drammatiċi biex iġiegħlu lill-konvenut jidher għall-ġudizzju: l-attur kien awtorizzat ikaxkar lill-konvenut riluttanti – *abtorto collo* (litteralment: b'għonqu mgħawweġ – sal-għatba tal-Qorti. Fil-lingwaġġ komuni Ruman din il-frażi kienet tfisser li wieħed ikun imġiegħel jagħmel xi ħaġa għal quddiem l-imħallef. Iktar tard bdew jintużaw mezzi inqas goffi iżda xorta waħda ħorox, bħas-sekwestru tal-ġid tal-konvenut (*l'immissio in bonorum possessionem*). Jekk minkejja dan kollu l-konvenut kien xorta waħda ma jitfaċċax (sakemm ma tkunx ġa bdiet l-ewwel fażi msejjħa *in jure*) il-kawża ma kinitx tista' titkompla għax il-*litis contestatio* ma setgħetx isseħħ mingħajr il-parteċipazzjoni taż-żewġ partijiet fil-kawża (ara fost l-oħrajn Bonamici, *Storia della proċedura civile romana* (Pisa, 1886), vol. 1 p. 578). Għal raġunijiet ovvji, din is-sistema la kienet loġika u l-anqas ġusta; la mal-attur u l-anqas mal-konvenut. Minħabba din il-ħruxija, kien jingħad fl-awli tal-qrati li *"contra contamaces omnia jura clamant"*;

Illi biż-żmien, il-liġi evolviet b'mod li l-preżenza tal-konvenut ma baqgħetx indispensabbli billi beda jitqies li jekk ma jidhirx ikun qiegħed jikkontesta t-talba. L-attur beda jista' jressaq il-provi tiegħu u, jekk jirnexxielu jipprova l-każ tiegħu, il-konvenut kien jiġi kkundannat bħala kontumaċi, fis-sens li ma jkunx obda l-ordni tal-Qorti biex jidher quddiemha. B'danakollu, għalkemm ma baqgħetx il-ħtieġa tal-preżenza tal-konvenut biex tkun tista' ssir il-kawża, xorta waħda baqgħu it-tracċi ta' qabel li jikkastigaw lill-konvenut talli jonqos li jidher u jiddefendi lilu nnifsu. Anke llum il-kontumaċi għandu jiġi ppenalizzat billi ma jitħalliex jikkontradixxi l-fatti mressqin mill-attur u lanqas jitħalla jressaq il-provi tiegħu. Id-difiża tiegħu hija għalhekk imdgħajjfa sew;

Illi minhabba l-fatt li l-effetti tiegħu – ta' natura punittiva – huma odjuzi, l- stitut tal-kontumaċja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Sa żminijiet riċenti baqa' jiġi ripetut li l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwiegeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun

wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni socjali[2];

Illi għall-bidu, l-aspett punittiv konsistenti fl-esklużjoni tal-konvenut milli jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet kien jigi adoperat *ad unguem* minn dawn il-Qrati izda, tenut kont ta' ċirkostanzi varji li kienu jindikaw u jesiġu mitigazzjoni fir-regoli tal-proċedura, l-istess Qrati bdew, fil-każi fejn ikun hekk indikat u fl-ahjar sens ta' ġustizzja, "ixellfu" din ir-riġidita` u dan sewwa sew minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja kienet iggib magħha. Fil-fatt jirriżulta li l-Qrati tagħna iddeċidew li r-rigorożita` tal-proċedura għandha tigi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta għal htija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikata;

Illi sfortunatament ġara wkoll li maż-żmien il-flessibilita` li bdiet turi l-Qorti skond il-każ, dejjem fl-interess tal-ġustizzja, wasslet għal ċerta nuqqas ta' uniformita` u f'certi każi anke waslet għal deċiżjonijiet inkongruwi għal xulxin. Każ fejn il-fattispeċje tiegħu kienu pjuttost jiffavorixxu l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċji ġieli gie miċħud, filwaqt li każ iehor fejn in-nuqqas kien jidher aktar evidenti u mhux skużabbli gieli gie aċċettat bħala wieħed skużabbli. Il-punt ta' diverġenza ma jkunx proprjament konness mal-prinċipju involut imma ma' l-applikazzjoni jew ma' l-interpretazzjoni ta' l-istess prinċipju. Dawn il-vuċijiet dissonanti ma jgħinux biex ikun hemm iċ-ċertezza tad-dritt;

Illi fil-fehma tal-Qorti tal-Appell[3], deċiżjoni li serviet bħala punt ta' tluq għal dak li jikkonċerna l-istitut tal-kontumaċja u l-prinċipji li għandhom jirregolawha hija

[2] ara wkoll id-deċiżjoni in re: Vella pro et nomine v. Vella, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII.ii.170

[3] Noel Calleja v Middlesea Valletta Life Azzurance Co. Ltd. 28.01.2005 Qorti tal-Appell (Superjuri)

dik fl-ismijiet Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imħallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-prinċipji li gejjin;

(1) Il-kontumaċja ma tistax tigi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;

(2) Lanqas tista' tigi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuza;

(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikażżjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza ġusta;

(4) Din il-kawza ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;

(5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;

(6) L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jigi ekwiparat għall-kolpa;

(7) Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";

(8) L-impossiblita' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fizika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali;

Illi dawn l-istess prinċipji gew riaffermati f'diversi deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati[4];

Illi mal-milja taż-żmien anke l-legislatur ħass il-bzonn li jintroduċi emendi għal

[4] fosthom Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħolijiet Pubblici, deċiża mill-Qorti tal-Appell Civili fit- 12 ta' Dicembru 1975, u d-deiczjoni fl-ismijiet Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit- 13 ta' Jannar, 1999.

dan l-istatut – hekk ara l-Att XXIV tal-1995 b'referenza għall-Artikolu 158 tal-Kap. 12. Iż-zmien għall-preżentata ta' nota ta' eċċezzjonijiet gie estiz għal għoxrin jum u fil-każ ta' kontumaċja ngħatat anke l-possibilita` ta' preżentata ta' nota ta' osservazzjonijiet – in omaġġ tal-prinċipju ribadit fil-gurisprudenza kostanti tagħna li mqar jekk f'istat ta' kontumaċja, il-parti mħarrka kellha titqies bħala waħda li qegħda tirrimetti ruhha għall- ġustizzja tal-Qorti u b'ebda mod ma hi qed tammetti t- talba;

Illi huwa utli li l-Qorti tfakkar l-ammoniment mogħti mill-kumitat tal-Permanent Law Reform Commission fir-rapport tiegħu tat-22 ta' Novembru 1993:

"The obtaining position with regard to default varies depending upon the manner in which the proċeedings are instituted, and that is whether by writ of summons or libel, as well as depending upon whether the proċeedings are taken in the inferior or superior courts or on a first or second instance. Thougħ the possibility of default exists in all cases the matter is visited with the full vigour of the law only in the case of proċeedings instituted by writ of summons in the Superior Courts. In such cases section 158(9) provides that if the defendant makes default in filing the statement of defence and declaration mentioned in that section, the court shall give judgement as if the defendant failed to appear to the summons, unless he shows to the satisfaction of the court a reasonable excuse for the default in filing the statement and declaration within the prescribed time.

"**The Commission is of the opinion that this provision is excessively formalistic and ritualistic** (emfasi miżjuda mill-Qorti) in its view of the proċeedings. The rigħt to a fair hearing inherent in a party is very often, in this manner, made dependent on the efficiency or otherwise of the lawyer entrusted with his defence. Moreover the Commission has noted that other Courts do not always adopt a standard rule in qualifying as culpable or othewise the failure to present the defence in good time. When one considers the serious consequence

attendant at law upon default, a situation where a standard rule is not applied throughout is unacceptable.

"The Commission has also directed its study to the position obtaining in foreign jurisdictions. The comparative ease with which default can be curred in these jurisdictions compares starkly with the position obtaining in Malta. The position in England goes further than anywhere else and allows a default judgement to be set aside if the defendant can show to the satisfaction of the court that he had a good defence which he could have set up to the claim ( John O'Hare and Robert N. Hill, Civil Litigation, p. 251.). In Italian proċedure it is possible for the defendant to cure his default by putting in an appearance, even at a later stage than that established for raising his defence (Satta, Commentario al Codice di Proċedura Civile, p. 387). The Commission favours the amendment of Maltese law to bring it in line, on this point, with the position obtaining in other foreign jurisdictions.

"The Commission is therefore suggesting that the position should be amended so that a party will be allowed to cure his default if he can show to the satisfaction of the court that there was no fault on his part in the default or that prima facie he can put up a defence to the claim".

L-emenda għall-artiklu 158 fir-rigward, kif proposta mill-Kummissjoni, kienet taqra hekk:

"If the defendant makes default in filing the statement of defence and declaration mentioned in this section, the court may, after hearing such evidence as it may consider necessary, give judgement as if the defendant failed to appear to the summons, unless he shows to the satisfaction of the court a reasonable excuse for his default in filing the statement and declaration within the prescribed time, or unless he satisfies the court that he has a prima facie defence, in law or in fact,

to the action on the merits or unless he otherwise discloses such issues of law or of fact as may be deemed sufficient to entitle him to defend the action";

Illi fil-fatt, is-suġġeriment tal-Kummissjoni intlaqa' mil-leġislatur b'mod sostanzjalment attenwat . Il-liġi illum taqra hekk:

"158(10): Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa'kontumaċi **kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti <u>raġuni tajba</u> li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss**. *Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*"(il-parti fl-italics ġiet miżjuda mil-leġislatur);

Illi jekk wieħed iqabbel dan is-subartikolu ma dak li gie elenkat fis-sentenza surreferita "Bugeja v. Ellul"[5] isib li hemm konvergenza. Dan magħdud, pero`, **xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "raġuni ġusta"** meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li ġaladarba konvenut in kontumaċja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawza, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tigix iġġustifikata. Il-Qorti tal-Appell[6] iżda għamlitha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawza m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita` ġudizzjarja. Dik il-

[5] deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.

[6] Noel Calleja v Middlesea Valletta Life Azzurance Co. Ltd. 28.01.2005 Qorti tal-Appell (Superjuri)

preżenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija inveċe meħtieġa bħala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raguni li **l-ġustifikażżjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola** li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Civili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola;[7]

Ikkunsidrat:

***Jekk hemmx raġuni ġusta għall-kontumaċja***

Illi saru attentati ta' notifika fis-sede tal-kumpannija fit-22.05.19; 03.06.19; u (wara l-ħinijiet legali) fit-13.06.19. Saret il-pubblikażżjoni f'ġurnal lokali ta' kuljum fit-23.08.2019 u fil-gazzetta tal-Gvern fid-09.07.2019. Il-proċess tat-trasferiment tal-ishma ġie konkluż lejn nofs Awwissu 2019 u r-reġistrazzjoni formali tat-trasferiment seħħet fil-31 t'Awwissu 2019;

Illi s-soċjeta` konvenuta tadduċi bħala raġuni ġusta ċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fihom fiż-żmien meta saret in-notifika, meta kien qiegħed isir tibdil ta' diretturi u azzjonaisti. Din saret fl-indirizz uffiċjali tagħha li kien l-indirizz ta' wieħed mill-azzjonisti uxxenti. Ġranet wara li saru t-trasferimenti, sar bdil fl-indirizz reġistrat tas-soċjeta` konvenuta. Għalhekk tissottometti li kien impossibbli għall-azzjonisti u diretturi l-ġodda li jkollhom għarfien ta' din il-kawża. Fil-fatt saru negozjati mid-diriġenti l-ġodda mal-atturi iżda dawn qatt ma semmew il-kawża. Min-naħa l-oħra, l-atturi jsostnu li l-azzjonisti antiki kienu ilhom iktar minn xahar bl-affissjoni mwaħħla mal-bieb tal-uffiċċju reġistrat. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-azzjonisti l-ġodda qagħdu jinnegozjaw mal-atturi (kien hemm laqgħa fid-19 ta'

7

Settembru 2019) dwar il-konvenju huwa sinjal ċar li kienu jafu b'din il-kawża għax kieku ma kinux jafu kienu jikkonkludu li l-konvenju kien skada u li allura ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jsiru negozjati;

Illi l-piż tal-prova li s-soċjeta` konvenuta ma kinitx taf bil-kawża huwa fuq spallejha. Jirriżulta li d-diriġenti antiki kienu jafu, jew almenu messhom kienu jafu, bil-kawża billi ġew debitament notifikati. Ma hemm l-ebda diverbju dwar il-validita` tan-notifika. Mhux biss. Imma xejn ma huwa verosimili li d-diriġenti l-ġodda marru jitrattaw fuq konvenju li safejn kienu jafu huma kien skada. Illi għalhekk is-soċjeta` konvenuta ma rnexxilhiex tikkonvinċi lil din il-Qorti li ma kinitx taf b'din il-kawża.

***Decide:***

Għal din ir-raġuni l-Qorti qiegħdha tiċħad it-talba għall-purgazzjoni tal-kontumaċja.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA